# Tagħrif Dwar Vari f'Malta taħt it-Titlu tal-Karmelu.

**Tagħrif miġbur minn Stephen Spiteri.**

Fost il-festi li niċċelebraw f'Malta lill-Madonna hemm dawk taħt it-titlu tal-KARMELU. Minn dawn f'Malta nsibu tmienja. Dawn huma tal-Balluta, f'Birkirkara, fil-Fgura, Fleur-de-lys, fil-Gżira, ġewwa l-Imdina, fil-belt Valletta u ż-Żurrieq. Festi li jixhdu id-devozzjoni kbira fost il-Maltin lejn il-Madonna u Labtu tal-Karmelu. F'dan l-artiklu ser nagħtu xi tagħrif dwar il-vari li joħorgu fil-ġranet tal-festa minn dawn il-knejjes fix-xahar ta' Lulju, propju fix-xahar iddedikat lill-Madonna taħt it-titlu tal-Karmelu.



Tal belt Valletta

L-ewwel vara hija dik li tinsab meqjuma fis-Santwarju Basilika tal-patrijiet Karmelitani fil-belt Valletta. Vara xogħol fl-injam u li saret fis-sena 1781 bl-inizjattiva ta' Rev. Patri Mikielanġ Chircop (1). Qabilha kien hemm vara oħra li llum tinsab fil-knisja tal-Balluta (tagħrif dwar dan iktar 'il quddiem. Il-festa ġewwa l-belt tiġi ċċelle-brata nhar is-16 ta' Lulju, fil-jum li skond il-litturġija tal-knisja huwa jum iddedikat lill-Madonna tal-Karmelu. Din il-ġurnata ġiet magħzula minn Papa Clement X f'1672. F'xi monasterji Karmelitani din il-festa bdiet tiġi ċ-ċelebrata Ħadd wara din id-data jew f'xi Ħadd ieħor matul ix-xahar ta' Lulju.

It-tieni vara hija dik li l-festa tagħha tiġi ċċelebrata nhar l-ewwel Ħadd ta' Lulju fil-parroċċa ta' Fleur-de-lys. Parroċċa mmexxija mill-patrijiet Karmelitani. Din il-vara hija xogħol fil-ġibs u saret ġewwa Ruma fis-sena 1984, pero' ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni fl-Lulju ras-sena 1975 meta l-knisja saret parroċċa awtonoma. Il-Madonna tidher bil-wieqfa liebsa ta' Karmelitana bit-tonka kannella u bil-kappa bajdanija. Fiq diergħha tax-xellug qiegħda twieżen lil- Ġesu' Bambin, waqt li f'idejhom għandhom għandhom il-Labtu (2).



ta Fleur-de-lys

Nhar it-tieni Ħadd ta' Lulju nsibu żewġ parroċċi li jiċċelebraw il-festa tal-Karmnu dik tal-Fgura u l-oħra fil-Gżira. Fil-Fgura nsibu vara maħduma mid-ditta Mrder ta' Bolzano fl-Italja. Hija xogħol fl-injam u saret fis-sena 1960. Taħallset minn Antonio Cumbo fil-waqt li l-familja Cachia ħalset għall-induratura li saret mill-induratur ta' l-Imdina Horace Farrugia (3).

L-unika vara li toħroġ minn knisja parrokjali m'ix taħt taħt it-tmexxija tal-patriijiet Karmelitani hija dik tal-Gżira. Din il-vara hija wkoll xogħol fl-injam u maħdumaf'Lecce, l-Italja. Tħallset



tal-Gzira

mis-sur Carmelo Pace u ġiet imbierka nhar is-6 ta' Lulju 1924. Din il-vara hija ukoll xogħol fl-injam u maħduma f'Lecce , l-Italja. Tħallset mis-Sur Carmelo Pace u ġiet imbierka nhar is-6 ta' Lulju 1924. Din il-vara naraw li l-Madonna għandha l-libsa u l-mant kulur id-deheb fil-waqt lil-labtu tagħha u dak tal-Bambin huma tal-fidda (4).

Żewġ vari oħra huma dawk li joħroġ waħda f'Birkirkara u l-oħra ġewwa l-belt, antika ta' l-Imdina. Dawn jiċċelebraw il-festa nhar it-tielet Ħadd ta' Lulju.

Għand il-patrijiet Karmelitani Tereżjani ġewwa Birkirkara fis-Santwarju ta' SantaTereża tal-Bambin Gesu', nsibu vara li nhadmet f'Lecce fl-Italja. Din saret fuq id-disinn ta' Arturo Galdes (1861-1934) fil-bidu tas-seklu ghoxrin. F'din in-naħa tal-lemin tal-Madonna naraw lil San Xmun sock jirċievi l-Labtu mingħand il-Madonna. Fuq ix-xellug insibu lil SantaTereża l-Kbira (ta' Gesu'), fundatriċi tat-Tereżjani Karelitani, qiegħda toffri qalbha mimlija mħabba lill-Ġesu' Bambin. Din il-vara sarilha xi restawr fis-sena 1997(5).



Tal-Fgura

L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Imdina fil-knisja tal-kunvent tal-patrijiet Karmelitani hija antika ħafna, infatti ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni ta' 1761 (Invnt. 1740-81, fol.59). L-iskultur ta' din il-vara kien is-Senglejan Andrea Imbroll (Ms,4 fol. 152-59). L-istatwa hija magħmula ta' l-injam, fuq l-abjad u ndurata bid-deheb, bil mant kulur il-krema, ndurat bid-deheb. (Invent. 1740-81, fol.60) Fis-sena 1957 il-pirjol Patri Ludovico Caruana ra l-bżonn li terġa' ssir l-induratura tal-vara. Wara li ttieħed il-parir ta' xi esperti, tqabbad il-pittur Rafel Bonnici Cali' u għax-xogħol ta' l-induratura tqabbad l-induratur ta' l-Imdina, is-Sur Joseph Farrugia, (li skond in-neputi tiegħu is-Sur Horace Farrugia, din kienet l-aħħar opra li għamel.) (6)



Ta' Santa Tereza gewwa Birkirkara

Fl-aħħar Ħadd ta' Lulju nsibu li tiġi ċċelebrata festa oħra ad unur lill-Madonna taħt it-titlu tal-Karmelu. Din issir fir-raħal pittoresk taż-Żurrieq. Hija festa sekondarja, pero' xorta jsiru festi kbar. Din l-istatwa saret mill-iskultur Salvu Psaila, minn Bormla, fis-sena 1824. Hija xogħol fl-injam. Din il-vara ġiet restawrata darbtejn, l-ewwel fl-1872 u wara fl-1925.

L-aħħar vara li ser nagħmlu tagħrif fuqha hija dik tal-parroċċa tal-Balluta u li għandha rabta ma' dik tal-belt Valletta. Inħadmet fis-sena 1780 f'Napoli mid-ditta Gennora Real u hija xogħol fl-injam. Ix-xogħol taż-żebgħa tħalla fidejn il-pittur J. Antoni Grech fil-waqt li



Taz-Zurrieq

Micheal Galdes ħa ħsieb l-induratura. Oriġinalment din l-istatwa keienet inħaddmet għall-knisja tal-Karmelu fil-belt Valletta fejn kienet toħroġ għall-Balluta fejn għadha toħroġ iddur mat-torqo tal-Ballutta f'kull l-ewwel Hadd ta' wara s-16 ta' Lulju ta' kull sena.

Kif rajn Lulju huwa x-xahar iddedikat lill-Madonna taħt it-titlu tal-Karmelu. Dan għaliex fih issiru il-festi kollha fil-knejjes sew ġewwa kif ukoll barra bil-vari taħt il-patruċinju tal-Madonna tal-Karmelu fl-ibliet u l-irħula li semmejna fil-Hdud kollha. J'Alla dawn il-festi isservu biex nersqu aktar lejn il-Madonna biex permezz tal-Labtu tagħha Hi tidħol għalina quddiem Binha Ġesu' biex jeħlisna minn kull ħażen u qerq tax-xitan.



Tal-Ballutta

# IL-FESTA T-TAJBA

Referenzi.

Mill-ktieb ta' Joseph Grech 'Vari ta' Malta u Għawdex'.
ibid
ibid
Mill-kitba ta' Adrian Scicluna mill-pubblikazzjoni ta' l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq Festa 2003
Mill-kitba ta' Joe Calleja mill-pubblikazzjoni Santwarju Santa Tereża, B'Kara 2001
Mill-kiba ta' Fr. Abela, O. Carm. Programm u Tagħrif, Festa tal-Madonna tal-Karmnu. 1979.
Mill-ktieb ta' Joseph Grech 'Vari Ta' Malta u Għawdex'
ibid.